**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-6 ta' Diċembru 2001**

**dwar il-ħruġ ta' bankonoti ta' l-euro**

***(BĊE/2001/15)***

(2001/913/KE)

(ĠU L 337, 20.12.2001, p. 52)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Id-Deċiżjoni tal-Bank BĊE/2003/23 Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2003 | L 9 | 40 | 15.1.2004 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-bank BĊE/2004/9 ċentrali ewropew tat-22 ta' April, 2004 | L 205 | 17 | 9.6.2004 |
| ►M3 | Deċiżjoni tal-Bank BĊE/2006/25 Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2006 | L 24 | 13 | 31.1.2007 |
| ►M4 | Deċiżjoni tal-Bank BĊE/2007/19 Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2007 | L 1 | 7 | 4.1.2008 |
| ►M5 | Deċiżjoni tal-Bank BĊE/2008/26 Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2008 | L 21 | 75 | 24.1.2009 |

▼B

**ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tas-6 ta' Diċembru 2001**

**dwar il-ħruġ ta' bankonoti ta' l-euro**

***(BĊE/2001/15)***

(2001/913/KE)

IL-KUNSILL LI JIRREGOLA L-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejjaħ it-"Trattat") u partikolarment l-Artikolu 106(1) miġjub fih, u l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-"Istatut"), u partikolarment l-Artikolu 16 miġjub fih,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 106(1) tat-Trattat u l-Artikolu 16 ta' l-Istatut, il-Kunsill li Jirregola tal-Bank Ċentrali Ewropea (BĊE) għandu d-dritt esklussiv li jawtorizza l-ħruġ ta' bankonoti fil-Komunita; taħt dawn id-dispożizzjonijiet, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) jistgħu joħorġu bankonoti li huma l-uniċi bankonoti li għandhom l-istatus ta' muniti legali ġewwa l-Istati Membri parteċipanti. Il-liġi Komunitarja ipprevediet sistema ta' pluralita ta' dawk li joħorġu l-bankonoti. IL-BĊE u l-BĊN għandhom joħorġu bankonoti ta' l-euro.

(2) Skond l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar id-dħul ta' l-euro ([1]) mill-1 ta' Jannar 2002, il-BĊE u l-BĊN (minn issa 'l quddiem imsejjħa bħala s-"Sistema Euro") joħorġu fiċ-ċirkolazzjoni bankonoti denominati fl-euro. Bankonoti ta' l-euro huma espressjonijiet ta' l-istess munita waħdiena, u suġġetti għal reġim legali waħdani.

(3) Il-ħruġ ta' bankonoti ta' l-euro ma jeħtieġx li jiġi soġġett għal limiti kwantitattivi jew limiti oħra, minħabba li l-ħruġ ta' bankonoti fiċ-ċirkolazzjoni huwa proċess immexxi mid-domanda.

(4) Id-Deċiżjoni BĊE/2001/7 tat-30 ta' Awissu 2001 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, l-iskambju u l-irtirar ta' bankonoti ta' l-euro ([2]), kif emendata bid-Deċiżjoni BĊE/2001/14 ([3]), tikkontjeni regoli komuni dwar bankonoti ta' l-euro. Il-BĊE stabbilixxa speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għal bankonoti ta' l-euro u miżuri ta' kontroll ta' kwalita biex jiġi żgurat li l-bankonoti ta' l-euro jikkonformaw ma' speċifikazzjonijiet bħal dawn. Bħala konsegwenza il-bankonoti kollha ta' l-euro għandhom l-istess dehra fiżika u livell ta' kwalita u l-ebda distinzjoni m' għandha ssir bejn bankonoti ta' l-istess denominazzjoni.

([1]) ĠU L 139, tal-11.5.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 233,tal-31.8.2001, p. 55.
([3]) Għandha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

(5) Il-bankonoti kollha ta' l-euro għandhom jiġu soġġetti għal aċċettazzjoni identika u ħtiġijiet ta' proċessar mill-membri tas-Sistema Euro irrispettivament minn min ħariġhom fiċ-ċirkolazzjoni. Għalhekk il-prattika korrenti ta' ripatrijazzjoni ta' bankonoti denominati fl-unitajiet ta' munita korrenti nazzjonali lill-bank ċentrali li qed j oħroġhom ma japplikawx għal bankonoti ta' l-euro. Ir-reġim għall-ħruġ tal-bankonoti ta' l-euro huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' nuqqas ta' ripatrijazzjoni ta' bankonoti ta' l-euro.

(6) Skond l-Artikolu 29.1 ta' l-Istatut, kull wieħed mill-membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali huwa assenjat skond l-importanza *(weighting)* fil-iskeda għas-sottoskrizzjoni għall-kapital tal-BĊE, kif preskritt mid-Deċiżjoni BĊE/1998/13 ta' l-1 ta' Diċembru1998 dwar il-persentaġġ ta' l-ishma tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskeda għall-kapital tal-BĊE ([1]); din l-għażla skond l-importanza *(weighting)* hija bbażata fuq il-popolazzjoni u l-prodott gross domestiku ta' kull Stat Membru u tirregola l-kontribuzzjonijiet lill-kapital tal-BĊE, it-trasferimenti ta' l-assi ta' riservi barranin tal-BĊN lill-BĊE, l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-BĊN, u d-distribuzzjoni ta' profitti u tqassim ta' telf tal-BĊE.

(7) Bankonoti ta' l-euro huma muniti legali fl-Istati Membri parteċipanti kollha, għandhom jiċċirkolaw b' mod ħieles fl-erja ta' l-euro, jerġgħu jinħarġu mill-membri tas-Sistema Euro, u jistgħu jinħażnu wkoll jew jintużaw barra miż-żona ta' l-euro. Il-lijabilitajiet rigward il-ħruġ tal-valur totali tal-bankonoti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandhom għalhekk jiġu allokati lilll-membri tas-Sistema Euro skond kriterju oġġettiv. Kriterju xieraq huwa s-sehem ta' kull BĊN fil-kapital imħallas tal-BĊE. Dan is-sehem jirriżulta minn applikazzjoni proporzjonali ta' l-iskeda tal-kapital riferit fl-Artikolu 29.1 ta' l-Istatut lill-BĊN. Dan il-kriterju mhuwiex applikabbli għall-BĊE, il-persentaġġ tas-sehem tal-bankonoti euro li jrid jinħareġ mill-BĊE iridu jiġi stabbilit mill-Kunsill li Jirregola.

(8) Taħt l-Artikolu 9.2 u l-Artikoku 12.1 ta' l-Istatut, li jistabbilixxu l-prinċipju ta' deċentralizzazzjoni għal operati tas-Sistema Euro, il-BĊN iridu jiġu fdati bil-ħruġ u l-irtirar miċ-ċirkolazzjoni tal-bankonoti ta' l-euro kollha inklużi dawk maħruġa mill-BĊN. Konsistenti ma' dan il-prinċipju ta' deċentralizzazzjoni, il-maneġġjar fiżiku ta' bankonoti ta' l-euro jrid jitwettaq ukoll mill-BĊN.

(9) Id-differenza bejn il-valur tal-bankonoti ta' l-euro allokati lil kull BĊN bi qbil ma' l-iskeda ta' allokazzjoni tal-bankonoti u l-valur tal-bankonoti ta' l-euro li BĊN bħal dan joħroġ fiċ-ċirkolazzjoni għandha toħloq bilanċi ġewwa s-Sistema Euro. Billi l-BĊE mhuwiex qed joħroġ il-bankonoti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni, għandu jżomm pretensjonijiet tas-Sistema Euro fuq BĊN għal valur ekwivalenti għas-sehem ta' bankonoti ta' l-euro li huwa joħroġ. Ir-rimunerazzjoni ta' dawn il-bilanċi tas-Sistema Euro għandha effett fuq il-pożizzjonijiet tad-dħul tal-BĊN u hija għalhekk is-suġġett tad-Deċiżjoni BĊN/2001/16 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002 ([2]), ibbażata fuq l-Artikolu 32 ta' l-Istatut,

---

([1]) ĠU L 125, tad-19.5.1999, p. 33.
([2]) Ara paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Id-definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "BĊN" għandha tfisser il-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li adottaw il-munita waħdiena bi qbil mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea;

(b) "bankonoti ta' l-euro" għandhom ifissru dawk il-bankonoti li jikkonformaw mal-ħtiġijiet tad-Deċiżjoni BĊE/2001/7, u ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi preskritti mill-Kunsill li Jirregola;

▼M1

(ċ) "l-iskema tal-kapital sottoskritt" għandha tfisser l-ishma tal-BĊNi (irrappreżentati bħala persentaġġi) fil-kapital sottoskritt tal-BĊE, li jirriżultaw mill-applikazzjoni għall-BĊNi tal-proporzjonijiet fl-iskema msemmija fl-Artikolu 29.1 ta' l-iStatut u kif applikabbli għas-sena finanzjarja relevanti;

(d) "l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus" għandha tfisser il-persentaġġi li jirriżultaw mill-kunsiderazzjoni tas-sehem tal-BĊE fil-ħarġa totali tal-karti tal-flus ewro u mill-applikazzjoni ta' l-iskema tal-kapital sottoskritt (aġġustat għall-eqreb multiplu ta' 0,0005 punt perċentwali) għas-sehem tal-BĊNi f'dan it-total. Meta l-persentaġġi riżultanti ma jammontawx għall-100 %, id-differenza għandha tiġi kumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun anqas minn 100 %, billi jiżdied 0,0005 ta' punt perċentwali ma' l-iżgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti, jew (ii) jekk it-total ikun iżjed minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0005 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti. ►M5 L-Anness ma' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema ta' allokazzjoni ta' karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2009. ◄

▼B

*Artikolu 2*

**Ħruġ ta' bankonoti ta' l-euro**

IL-BĊE u l-BĊN għandhom joħorġu bankonoti ta' l-euro.

*Artikolu 3*

**Obbligazzjonijiet ta' dawk li joħorġu l-bankonoti**

1. Il-BĊN għandhom joħorġu u jirtiraw miċ-ċirkolazzjoni bankonoti ta' l-euro, u jwettqu kull maniġġjar fiżiku rigward il-bankonoti kollha ta' l-euro, inklużi dawk maħruġa mill-BĊE.

2. Il-BĊN għandhom jaċċettaw il-bankonoti kollha ta' l-euro fuq it-talba tal-possessur għal skambju kontra bankonoti ta' l-euri ta' l-istess valur jew, fil-każ ta' possessuri ta' kontijiet, jiġu akkreditati lill-kontijiet miżmuma mill-BĊN reċipjent.

▼B

3. Il-BĊN għandhom jittrattaw il-bankonoti kollha ta' l-euro aċċettati minnhom bħala lijabilitajiet u jipproċessawhom f' manjiera identika.

4. Il-BĊN m' għandhomx jittrasferixxu l-bankonoti kollha ta' l-euro aċċettati minnhom lill-BĊN oħra u għandhom iżommu bankonoti ta' l-euro bħal dawn disponibbli għal ħruġ mil-ġdid. Bħala eċċezzjoni, u bi qbil ma' xi regoli preskritti mill-Kunsill li Jirregola tal-BĊN:

(a) bankonoti ta' l-euro imqattgħin, danneġġjati, użati ħafna jew irtirati jistgħu jinqerdu/jintremew mill-BĊN reċipjent;

(b) bankonoti ta' l-euro miżmuma mill-BĊN jistgħu, għal raġunijiet loġistiċi, jiġu distribwiti għal darb' oħra bil-massa fis-Sistema Euro.

*Artikolu 4*

**Allokazzjoni ta' banonoti ta' l-euro fis-Sistema Euro**

1. Il-valur totali tal-bankonoti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandu jiġi allokat lill-membri tas-Sistema Euro permezz ta' applikazzjoni ta' l-iskeda ta' allokazzjoni tal-bankonoti.

2. (9) Id-differenza bejn il-valur tal-bankonoti ta' l-euro allokati lil kull BĊN bi qbil ma' l-iskeda ta' allokazzjoni tal-bankonoti u l-valur tal-bankonoti ta' l-euro li BĊN bħal dan joħroġ fiċ-ċirkolazzjoni għandha toħloq bilanċi ġewwa s-Sistema Euro. Il-BĊN għandu jżomm prestensjonijiet tas-Sistema Euro fuq il-BĊN bi proporzjoni ma' l-ishma tagħhom fl-iskeda kapitali sottoskritta, għal valur ekwivalenti għall-valur tal-bankonoti ta' l-euro li huwa joħroġ.

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

▼M5

*ANNESS*

**SKEMA TA' ALLOKAZZJONI TA' KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' JANNAR 2009**

| | |
|---|---|
| Bank Ċentrali Ewropew | 8,0000 % |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 3,1975 % |
| Deutsche Bundesbank | 24,9630 % |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 1,4640 % |
| Bank of Greece | 2,5900 % |
| Banco de España | 10,9465 % |
| Banque de France | 18,7465 % |
| Banca d'Italia | 16,4730 % |
| Central Bank of Cyprus | 0,1805 % |
| Banque centrale du Lussemburgu | 0,2305 % |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 0,0835 % |
| De Nederlandsche Bank | 5,2575 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 2,5595 % |
| Banco de Portugal | 2,3075 % |
| Banka Slovenije | 0,4335 % |
| Národná banka Slovenska | 0,9140 % |
| Suomen Pankki | 1,6530 % |
| Total | 100,0000 % |